# SANTA LIENA
## Fl-Istate ta' Victoria l-Awstralja



Il-Karkariżi veri devoti ta' Santa Liena ma' baqgħux lura fl-Awstralja, għandhom il-festa wkoll.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-Istate tal-Victoria huwa kbir ħafna, u biex nistgħu nieħdu idea, speċjalment għal min qatt ma siefer, qisu port kbir b'ħafna Parroċċi. Il-Karkariżi huma mxerrda ma' kważi dawn il-Parroċċi. Il-Karkariżi huma imxerrda ma' kważi dawn il-Parroċċi kollha. Allura kif għamlu biex jagħmlu l-festa ta' Santa Liena? Bħal kull grupp ieħor Malti li għandhom il-festa tal-qaddis patrun tagħhom, li bejn wieħed u ieħor issa hemm 13 jew 14-il festa, l-ewwel ma għamlu kien li waqqfu club. Dan jismu s-"St. Helena Maltese-Australian Social Club". Il-Fundatur u allura President Onorarju hu s-Sur Reno Grima. Dawn għandhom il-kumitat li jinbidel kull sena u membri li sintendi huma kważi kollha Karkariżi. L-ewwel ħaġa li ħasbu biex jagħmlu kienet il-festa ta' Santa Liena.

Issa, fl-Awstralja issir hekk. Il-kumitat ta' xi festa jmur isib xi Kappillan u jitolbu biex jagħmlu l-festa tal-Qaddis Patrun tagħhom fil-Knisja tiegħu. Il-Karariżi talbu lil Kappillan tal-Knisja ta' St. Michael f'North Melbourne.

L-ewwel darba li għamlu l-festa kien f'Awissu ta' 1980. Dak in-nhar kellhom inkwadru bir-ritratt ta' l-Istatwa bħal ta' Malta. Biss il-kumitat ħabrieki, mill-ewwel beda jaħseb biex jagħmel stawa ta' Santa Liena. Infatti għall-festa ta' l-1981 iżżanżnet l-istatwa sabieħa ta' Santa Liena. Din hija maħduma fl-Awstralja mid-ditta DEWAN & COMP. Inkarigat biex issir l-istatwa kien is-Sur Charlie Grima.

• ikompli

Is-sena ta' wara l-istatwa ġiet imżejna bil-kuruna tad-deheb li ħa ħsiebha s-Sur Alf. Spiteri. Mhux biżżejjed, imma issa ħasbu biex jagħmlu l-istandard tal-Karkariżi, li jikkonsisti, fl-arma ta' B'Kara fin-nofs fuq sfond abjad u fit-tarf hemm faxxa ħamra u ħadra, il-kuluri taż-żewġ baned tagħna. Dan huwa xogħol bl-idejn li nħadem mis-sorijiet Awstraljani. Magħhom inħadmu l-bandalori għall-purċissjoni disin u xogħol ta' Charlie u Stella Grima, Francis Busuttil, Lily Borg, Rena Grima u oħrajn.

Il-Karkariżi ma kienux kuntenti b'daqshekk. Fis-sena ta' wara żżanżan il-bankun, pedestal u bradella kollox ta' l-injam li nħadmu mis-Sur Salvu Busuttil.

Skużawni jekk ma semmejtx l-opri kollha li rajt u li qaluli fuqhom meta kont hemm. Per eżempju qed niftakar li ma semmejtx l-erba' Anterni u l-erba' furċini li jekk ma niżbaljax ħadimhom is-Sur Charlie Grima. Kull ħaġa li semmejt, kollha inħadmu b'xejn, għall-imħabba ta' Santa Liena.

Bħala l-ewwel Kappillan tal-Club tal-Karkariżi, kien il-mejjet Fr. Onorat Galea MSSP. Warajh il-kumitat għażel Karkariż ieħor lil Dun Karm Borg MSSP, li l-mamà tiegħu kienet toqgħod Msida Street.

Qabel nagħlaq xtaqt ngħidilkom xi ħaġa fuq il-festa proprja; għax hemm il-festa ma jistgħux jiċċelebrawha bħalna, i.e. bit-tridu, bit-Te Deum, bit-Translazzjoni eċċ. Il-festa jiċċelebrawha hekk: Il-kumitat u membri oħra attivi jmorru joħorġu l-vara minn niċċa, ilibsuha d-deheb li mhijiex nieqsa minnu, jarmaw il-fjuri u x-xemgħa kif tistgħu taraw mir-ritratt li ħadt.

Lejliet il-festa fil-għaxija isir Dinner Dance li f'dik is-sena li kont hemm kienet saret fil-Broodmeadows Town Hall u kien hemm mas-600 ruħ. L-għada jum il-festa, il-quddiesa konċelebrata issir fis-2.30 p.m. sintendi bil-paniġirku. Wara toħroġ il-proċessjoni. Din jieħdu sehem fiha l-istandardi ta' ħafna clubs Maltin, ikun hemm it-tfal tal-Kor bħalma huma l-Ħamruniżi, tfal tal-Karkariżi imlibbsin apposta, il-bandalori li ġa semmejt u nies oħra. Imbagħad il-banda. Waħda miż-żewġ baned tal-Maltin u fl-aħħar l-istatwa ħelwa ta' Santa Liena merfugħa minn sitt irġiel. Armar fit-toroq ma jistax isir, almenu sa meta kont hemm jien. L-anqas sparar għax fil-qrib hemm iz-"Zoo". Qniepen m'għandhomx; biex il-Karkariżi jkunu ħasbu għal kollox, għandhom cassette recording tal-qniepen tagħna u jdoqqu lilu fuq l-ampliphire.

Il-festa tkompli b'**Concert.** Dan ikun jikkonsisti f'kant u daqq minn 'Groups', biċċiet ta' kant solo li jitkantaw minn tifel jew tifla, xi diskorsi u jingħataw 'trophies'.

Biss il-qofol ta' kollox jiġi meta fuq il-palk titla' l-banda u tibda d-doqq l-innu ta' Santa Liena u l-marċ: **'Ma tagħmlu xejn ma' Santa Liena'** fil-waqt li ħafna jibdew iduru mas-sala bl-ombrellel u kpiepel, f'ċapċip u jgħajtu . . . EVVIVA SANTA LIENA.

**Fr. Norbert Bonavia MSSP.**
(Meta kont l-Awstralja).